28 ta' Novembru, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Lewis Spiteri Debono *versus* Wilfred Potestà ne

**Obligazzjoni Taċita — Rekwiżizzjoni — Kumpens — Art. 11 (2) ta' l-Att II ta' l-1949 (Housing Act).**

*Il-kumpens dovut għal dar rekwiżizzjonata huwa dovut għal kull ġurnata li d-dar tibqa' fil-pussess tal-Housing Department, ġurnata b'ġurnata.*

*Biex titnissel obligazzjoni taċita huwa neċessarju li l-volontà tad-debitur li jobbliga ruħu tiġi desunta minn ċirkustanzi univoċi, li ma jistgħux jiġu interpretati ħlief fis-sens li wieħed irid jobbliga ruħu.*

*Għaldaqstant, bil-fatt li l-Housing Commissioner iħallas lis-sid ta' dar rekwiżizzjonata xi kera għal xi perijodu posterjuri għal meta huwa jkun reħa l-post minn taħt idejh ma jimpurtax neċessarjament obligazzjoni taċita ta' dak l-uffiċjal li jkompli jħallas dak il-kera sakemm sid id-dar ikun ġieb l-istess dar fi stat li tista' tinkera, jekk iċ-ċirkustanzi juru li huwa, għalkemm ħallas dak il-kera posteriuri, ma riedx jobbliga ruħu li jkompli jħallsu anki għal perijodi susseġwenti.*

Il-Qorti — Fuq it-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenut nomine li jħallas lill-attur (1) bħala danni, il-kumpens jew kera lilu dovut, bir-rata ta' £5 fix-xahar, mill-1 ta' April sas-17 ta' Mejju 1951, ċjoè £7. 16. 8, għall-fond no. 20J, Flat no. 1, West Street, Valletta, li kien rekwiżizzjonat f'idejn il-konvenut, (2) £1. 14. 0 bħala interessi tas-6% mid-9 ta' Ottubru 1950 (ġurnata li fiha l-attur irċieva l-imfietaħ tal-fond) sat-2 ta' Mejju 1951, ġurnata tal-kuntratt li fih huwa rċieva l-aħħar £50, li fuqhom l-interessi jilħqu £1. 14. 0; bl-ispejjeż; il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-28 ta' Settembru 1951, ċaħdet l-ewwel talba, u asteniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba, bl-ispejjeż kontra l-attur li rrinunzja għaliha; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-fond in kwistjoni, li kien rekwiżizzjonat f'idejn il-konvenut, ġie ritornat lill-attur fid-9 ta' Ottubru 1950, u billi kien hemm xi ħsarat li ġew valutati di mutwo konsenso għal £50, l-attur kien jippretendi illi l-kera tal-fond kellu jibqa' jiddekorri sa ħmistax-il ġurnata wara l-ħlas ta' dawk il-£50, biex huwa jkun fi grad li jirrendi l-fond fi stat li jista' jillokah, u

għalhekk irrifjuta li jiffirma l-kuntratt tal-pagament tal-£50 qabel ma tiġi definita l-kwistjoni tal-kera;

Illi skond l-art. 11 (2) ta'l -Att II ta' l-1949, il-kumpens dovut għal dar rekwiżizzjonata huwa dovut għal kull ġurnata li tibqa' fil-pussess tal-Housing Department, ġurnata b'ġurnata, u għalhekk, skond din id-dispożizzjoni, il-kumpens kien dovut sad-9 ta' Ottubru 1950. Iżda l-vera kwistjoni tal-kawża timpernja ruħha fuq il-fatt jekk, meta in segwitu għall-insistenza ta' l-attur li l-kera kellu jibqa' jgħaddi sal-pagament effettiv, il-konvenut mhux biss ma nsistiex għar-rifużjoni tal-kera ġà mħallas sal-31 ta' Diċembru 1950, imma ħallas anki l-kera għal trimestru suċċessiv sal-31 ta' Marzu 1951, impliċitament ammettiex il-pretensjoni ta' l-attur, u sarx kuntratt taċitu f'dan is-sens, u għalhekk l-obbliga tal-konvenut jitnissel mhux "ex lege", imma "ex contractu";

Illi huwa notorju illi, biex titnissel obligazzjoni taċita, huwa neċessarju illi l-volontà li d-debitur jobliga ruħu tiġi desunta minn ċirkustanzi univoċi, li ma jistgħux jiġu nterpretati ħlief fis-sens li huwa ried jobliga ruħu. Fil-każ in eżami, dina l-univoċità ta' ċirkustanzi ma tirriżultax; anzi jirriżulta illi d-Dipartiment, anki meta sar il-kuntratt ma' l-attur, kien jinsisti li l-attur ma kellux dritt għall-kerà, u biex sar il-kuntratt ġiet introdotta riżerva li ħalliet impreġudikati d-drittijiet li seta' kellu l-attur; u dan apparti anki l-kwistjoni jekk, biex il-konvenut jassumi obligazzjoni bħal din in ispeċie, ċjoè kontestwali barra minn dak li tipprovdi l-liġi, kienx hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni speċjali, li ma ġiex pruvat li kien hemm;

B'nota ta' l-appell l-attur appella.........;

*Omissis;*

Il-Qorti tirrileva li l-pretensjoni ta' l-attur ma tidherx inwettqa minn ebda dispożizzjoni tal-Housing Act ta' l-1949, u ma rriżultax ebda fehim li kien u seta' jorbot lid-Dipartiment rappreżentat mill-konvenut; u għalhekk hemm lok li l-Qorti tħaddan ir-raġunijiet ta' l-Ewwel Qorti. Meta, non ostanti d-derekwiżizzjoni tal-fond u r-ritorn tiegħu lill-attur fid-9 ta' Ottubru 1950, il-konvenut nomine kompla jħallas il-kera bil-£5 fix-xahar sa l-aħħar ta' Marzu li għadda, l-attur ġie kompensat ġenerożament tad-dewmien fil-ħlas ta' l-ammont likwidat tad-

danni li kellhom jithallsu skond l-art. 11 (2) tal-Housing Act, 1949;

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza *appellata*; bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Tmiem ta' l-Ewwel Parti tal-Volum XXXV.**